

- 2) L-EUIPO għandu jbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk sostnuti minn Target Ventures Group Ltd, inklużi dawk li din tal-aħħar sostniet quddiem il-Bord tal-Appell.
- 3) Target Partners GmbH għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 220, 1.7.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2020 – Electrolux Home Products vs EUIPO – D. Consult (FRIGIDAIRE)

(Kawża T-583/19) ⁽¹⁾

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FRIGIDAIRE – Użu ġenwin – Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001)*”]

(2021/C 9/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Electrolux Home Products, Inc. (Charlotte, North Carolina, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: V. Ruzek, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: D. Consult (Wattignies, Franza)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Ġunju 2019 (Każ R 166/2018-5), dwar proċedimenti ta' revoka bejn D. Consult u Electrolux Home Products.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Electrolux Home Products, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 348, 14.10.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Novembru 2020 – Dermavita vs EUIPO – Allergan Holdings France (JUVEDERM ULTRA)

(Kawża T-643/19) ⁽¹⁾

[“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ revoka – Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali JUVEDERM ULTRA – Użu ġenwin tat-trade mark – Użu għall-prodotti li għalihom hija rreġistrata t-trade mark – Użu taħt il-forma li fiha ġiet irreġistrata t-trade mark – Użu bil-kunsens tal-proprjetarju – Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001]*”]

(2021/C 9/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Dermavita Co. Ltd (Bejrut, il-Libanu) (rappreżentant: D. Todorov, avukat)